SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

13 ta' Mejju 2015 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Tkeċċijiet kollettivi — Direttiva 98/59/KE — Artikolu 1(1)(a) — Kunċett ta' 'stabbiliment' — Arranġamenti prattiċi ta' kalkolu tan-numru ta' impjegati mkeċċija"

Fil-Kawża C-182/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Industrial Tribunal (Northern Ireland), Belfast (ir-Renju Unit), permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' April 2013, fil-proċedura

Valerie Lyttle,

Sarah Louise Halliday,

Clara Lyttle,

Tanya McGerty

vs

Bluebird UK Bidco 2 Limited,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, C. Vajda, A. Rosas, E. Juhász (Relatur) u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: I. Illéssy, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-20 ta' Novembru 2014,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Bluebird UK Bidco 2 Limited, minn D. Reade, QC,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn L. Christie, bħala aġent, assistit minn T. Ward, QC, u minn J. Holmes, barrister,

— għall-Gvern Ungeriż, minn M. Fehér u K. Szíjjártó, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Enegren u R. Vidal Puig kif ukoll minn J. Samnadda, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tal-5 ta' Frar 2015,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE, tal-20 ta' Lulju 1998, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies [tkeċċijiet] kollettivi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 327).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn, minn naħa, V. Lyttle, S. L. Halliday, C. Lyttle u T. McGerty u, min-naħa l-oħra, il-kumpannija li kienet timpjegahom, Bluebird UK Bidco 2 Limited (iktar 'il quddiem "Bluebird"), dwar il-legalità tat-tkeċċija tagħhom.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Mill-premessa 1 tad-Direttiva 98/59 jirriżulta li din ikkonsolidat id-Direttiva tal-Kunsill 75/129/KEE, tas-17 ta' Frar 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' redundancies [tkeċċijiet] kollettivi (ĠU L 48, p. 29).

4 Skont il-premessa 2 tad-Direttiva 98/59, huwa importanti li jkun hemm iżjed protezzjoni għall-ħaddiema fil-każ ta' tkeċċijiet kollettivi waqt li jittieħed kont tal-bżonn ta' żvilupp ibbilanċjat ekonomiku u soċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

5 Il-premessi 3 u 4 ta' din id-direttiva jiddikjaraw:

"(3) Billi, minkejja ż-żieda ta' konverġenza, jibqgħu differenzi bejn id-dispożizzjonijiet fl-Istati Membri dwar l-arranġamenti prattiċi u l-proċeduri għal din ir-redundancy [tkeċċija] u l-miżuri intenzjonati biex iserrħu mill-konsegwenzi tar-redundancy [tkeċċija] tal-ħaddiema;

(4) Billi dawn id-differenzi jistgħu jkollom effett dirett fuq il-funzjonament tas-suq intern."

6 Il-premessa 7 tal-imsemmija direttiva tenfasizza l-bżonn tal-promozzjoni tal-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-tkeċċijiet kollettivi.

7 L-Artikolu 1 tal-istess direttiva, intitolat "It-tifsiriet u l-iskop", jipprovdi:

"1. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

a) 'redundancies [tkeċċijiet] kollettivi' ifisser tkeċċijiet mix-xogħol minn min iħaddem għal raġuni waħda jew aktar mhux relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati meta, skond l-għażla ta' l-Istati Membri, in-numru tar-redundancies huwa:

(i) jew, fuq perijodu ta' 30 ġurnata:

— mill-inqas 10 fi stabbilimenti li normalment jimpjegaw iżjed minn 20 u inqas minn 100 impjegat,

— mill-inqas 10 % tan-numru ta' ħaddiema fi stabbilimenti li normalment jimpjegaw mill-inqas 100 iżda inqas minn 300 ħaddiem,

— mill-inqas 30 fi stabbilimenti li normalment jimpjegaw 300 ħaddiema jew iżjed,

(ii) jew, fuq perijodu ta' 90 ġurnata, mill-inqas 20, ikun xi jkun in-numru ta' impjegati li jaħdmu fl-istabbilimenti inkwistjoni;

[...]

Għall-iskop tal-kalkolu tan-numru tar-redundancies [tkeċċijiet] kif previst fis-subparagrafu tal-punt (a), it-termini ta' kuntratt tax-xogħol li jsir fuq l-inizjattiva ta' min iħaddem għal raġuni waħda jew iktar li mhumiex relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati għandhom ikunu assimilati mar-redundancies [tkeċċijiet] sakemm, hemm mill-inqas ħames redundancies [tkeċċijiet].

2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal:

(a) redundancies [tkeċċijiet] kollettivi effettwat taħt kuntratti tax-xogħol konklużi għal perjodi limitati taż-żmien jew għal xogħlijiet speċifiċi ħlief meta dan il-redundancies [tkeċċijiet] iseħħ qabel id-data ta' skadenza jew il-kompletazzjoni ta' dawn il-kuntratti;

[...]"

8 Bis-saħħa tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/59:

"1. Meta dak li jħaddem ikun qed jikkontempla redundancies [tkeċċijiet] kollettivi, huwa għandu jibda konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema fi żmien tajjeb bl-iskop li jintlaħaq ftehim.

2. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom, mill-inqas, ikopru mezzi u miżuri li jevitaw redundancies [tkeċċijiet] kollettivi jew tnaqqis ta' numri ta' impjegati affettwati, u biex jittaffew il-konsegwenzi billi jkun hemm rikors għal miżuri soċjali magħhom immirati, *inter alia*, li jgħinu għall-impjieg jew it-taħriġ mll-ġdid tal-ħaddiema mingħajr xogħol.

[...]

3. Sabiex jgħinu r-rappreżentanti tal-ħaddiema biex jagħmlu proposti kostruttivi, min iħaddem għandu fi żmien tajjeb matul il-konsultazzjonijiet:

(a) ifornihom bl-informazzjoni rilevanti kollha u

(b) f'kull każ jagħtihom notifka bil-miktub:

(i) tar-raġunijiet għar-redundancies [tkeċċijiet] ipproġettati;

(ii) tan-numri tal-kategoriji ta' ħaddiema li se jisfaw bla xogħol;

(iii) tan-numri u l-kategoriji tal-ħaddiema normalment impjegati;

(iv) tal-perijodu meta r-redundancies [tkeċċijiet] ipproġettati għandhom jiġu effettwati;

(v) tal-kriterji proposti għas-selezzjoni tal-ħaddiema li se jisfaw bla xogħol sakemm u safejn il-leġislazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali jagħtu l-poter għal dan lil min iħaddem;

(vi) tal-metodu għall-kalkolu ta' xi pagamenti tar-redundancy [tkeċċija] ta' xort'oħra minn dawk ikkawżati mil-leġislazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali.

Min iħaddem għandu jgħaddi lill-awtorità pubblika kompetenti kopja ta', mill-inqas, l-elementi tal-kommunikazzjoni bil-miktub li hemm previsti fl-ewwel subparagrafu, l-punt (b), is-subpunti (i) sa (v).

[...]"

9 L-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva jipprovdi;

"1. Kull min iħaddem għandu jinnotifika lill-awtorità pubblika kompetenti bil-miktub dwar kull pjan ta' redundancies [tkeċċijiet] kollettivi.

[...]

Din in-notifika għandu jkollha l-informazzjoni rilevanti kollha li tikkonċerna r-redundancies [tkeċċijiet] kollettivi u l-konsultazzjonijiet ippjanati mar-rappreżentanti tal-ħaddiema previsti fl-Artikolu 2, u partikolarment ir-raġunijiet għar-redundancy [tkeċċija], in-numru ta' ħaddiema li ser jisfgħu mingħajr xogħol, in-numru ta' ħaddiema normalment impjegati u l-perijodu li fih il-redundancy [tkeċċija] għandu jiġi effettwat."

10 L-Artikolu 4 (1) u (2) tal-imsemmija direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-redundancies [tkeċċijiet] kollettivi pproġettati nnotifikati lill-awtorità pubblika kompetenti m'għandhomx iseħħu qabel 30 ġurnata wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 3(1) bla ħsara għal xi dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet individwali fir-rigward ta' l-avviż tat-tkeċċija mix-xogħol.

L-Istati Membri jistgħu jagħtu l-poter lill-awtorità pubblika kompetenti sabiex tnaqqas il-perijodu msemmi fis-subparagrafu preċedenti.

2. Il-perijodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jintuża mill-awtorità pubblika kompetenti sabiex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi kkawżati mir-redundancies [tkeċċijiet] kollettivi proġettati."

11 L-Artikolu 5 tal-istess direttiva jipprovdi:

"Din id-Direttiva ma għandhiex taffetwa d-dritt ta' l-Istati Membri li japplikaw jew jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma iktar favorevoli għal ħaddiema jew li jippromovu jew li jippermettu l-applikazzjoni ta' ftehim kollettivi iktar favorevoli għall-ħaddiema."

Id-dritt tar-Renju Unit

12 Id-Direttiva 98/59 ġiet applikata fl-ordinament ġuridiku tal-Irlanda ta' Fuq, mill-Parti XIII tad-digriet tal-1996 dwar id-drittijiet tal-ħaddiema [Employment Rights (Northern Ireland) Order 1996] u mill-Kapitolu II tal-Parti IV tal-liġi kkonsolidata tal-1992 relatata mas-sindakati u mar-relazzjonijiet tax-xogħol [Trade Union and Labour Relations (Consolidation) Act 1992] fir-rigward tal-Ingilterra, il-pajjiżi ta' Wales u l-Iskozja.

13 L-Artikolu 216 tad-digriet tal-1996 dwar id-drittijiet tal-ħaddiema jipprovdi li, "meta l-persuna li timpjega jkollha l-intenzjoni li tkeċċi 20 impjegat jew iktar bħala impjegati żejda fi stabbiliment wieħed matul perijodu ta' 90 jum jew inqas, hija tkun obbligata li tikkonsulta, dwar dawn it-tkeċċijiet, il-persuni kollha li jirrappreżentaw b'mod leġittimu lill-impjegati li jistgħu jkunu affettwati mit-tkeċċijiet previsti jew minn miżuri marbuta ma' dawn it-tkeċċijiet".

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

14 Fil-bidu tas-sena 2012, l-impriża Bonmarché kienet topera 394 ħanut tal-ħwejjeġ għan-nisa fir-Renju Unit kollu u impjegat hemm 4 000 persuna. Mill-perspettiva amministrattiva, il-kumpannija Bonmarché kienet tikkunsidra l-ħwienet tagħha tal-Irlanda ta' Fuq u l-uniku ħanut tagħha fil-Gżira ta' Man bħala li jikkostitwixxu reġjun wieħed biss (iktar 'il quddiem ir-"reġjun tal-Irlanda ta' Fuq") għall-bżonnijiet tan-negozji tagħha fir-Renju Unit. Fil-bidu tas-sena 2012, ir-reġjun tal-Irlanda ta' Fuq kien jgħodd 20 ħanut li jimpjegaw 180 persuna.

15 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienu impjegati mill-kumpannija Bonmarché f'erba' ħwienet differenti. Dawn il-ħwienet kienu jinsabu fi bliet differenti, jiġifieri Lurgan, Bandbridge, Omagh u Belfast, u kienu jimpjegaw inqas minn 20 persuna kull wieħed.

16 Kull ħanut kien ittrattat bħala "ċentru ta' spiża individwali" li l-baġits tiegħu kienu stabbiliti fis-sede ċentrali, li jinstab fil-Gran Brittanja. Huwa wkoll is-sede ċentrali li jistabbilixxi l-ħażniet u l-prijoritajiet f'dak li jirrigwarda l-promozzjoni tal-bejgħ ta' kull ħanut u li jipprovdi l-oġġetti offruti għall-bejgħ jew jorganizza l-provvista tagħhom. Madankollu, kull direttur tal-fergħa seta' jinfluwenza l-volumi u t-tipi ta' merkanzija pprovduti. Id-diretturi tal-ħwienet kienu responsabbli għat-twettiq tal-għanijiet fil-ħwienet rispettivi tagħhom. Fil-limiti tal-pakkett tal-baġit allokat għas-sigħat ta' xogħol, stabbilit b'mod ċentrali, id-direttur tal-fergħa kellu setgħa diskrezzjonali fir-rigward tan-numru ta' persuni li jiġu rreklutati full-time u part-time.

17 Peress li l-kumpannija Bonmarché sabet ruħha fi stat ta' insolvenza, hija ġiet ittrasferita, fl-20 ta' Jannar 2012, lil Bluebird. Minnufih wara dan it-trasferiment, din tal-aħħar bdiet proċess ta' ristrutturazzjoni li kien jimplika l-għeluq ta' diversi ħwienet, inklużi dawk li fihom kienu jaħdmu r-rikorrenti fil-kawża prinċipali.

18 Wara t-tkeċċijiet magħmula matul is-sena 2012 minn Bluebird, il-kumpannija Bonmarché ma kellhiex iktar minn 265 ħanut fit-territorju tar-Renju Unit, li jimpjegaw 2 900 persuni. In-numru ta' ħwienet li kienu jinsabu fir-reġjun tal-Irlanda ta' Fuq naqas minn 20 għal 8 u n-numru ta' persuni li kienu impjegati hemm naqas minn 180 għal 75 impjegat.

19 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ġew imkeċċija, fost impjegati oħra, fit-12 ta' Marzu 2012. Il-proċess ta' tkeċċija ma ġie ppreċedut minn ebda proċedura ta' konsultazzjoni, fis-sens tad-Direttiva 98/59.

20 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li V. Lyttle, S. L. Halliday, C. Lyttle u T. McGerty kienu rispettivament assenjati fl-unitajiet lokali li ġejjin biex jeżerċitaw il-kompiti tagħhom: il-ħwienet ta' Lurgan, ta' Bandbridge u ta' Omagh kif ukoll dak ta' Ann Street f'Belfast.

21 Ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ppreżentaw azzjoni sabiex jikkontestaw il-validità tat-tkeċċija tagħhom quddiem il-qorti tar-rinviju.

22 Din il-qorti tqis li huwa possibbli li l-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva 98/59 jiġi interpretat fis-sens li n-numru ta' 20 li huwa msemmi hemmhekk jagħmel riferiment għan-numru ta' impjegati fi ħdan stabbiliment wieħed partikolari, iżda li huwa possibbli wkoll li jitqies li dan l-istess numru jirreferi għall-persuni mkeċċija fl-impriża kollha tal-persuna li timpjega. Hija tindika li interpretazzjoni teleoloġika hija xierqa f'dan il-każ u li jirriżulta mis-sentenza Rockfon (C-449/93, EU:C:1995:420) li kien hemm lok li d-Direttiva 75/129, li ġiet issostitwita mid-Direttiva 98/59, tingħata interpretazzjoni li tippermetti li jiġi kopert l-ikbar numru possibbli ta' tkeċċijiet ta' natura ekonomika.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Industrial Tribunal (Northern Ireland), Belfast, [tribunal tax-xogħol (l-Irlanda ta' Fuq), Belfast] iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel is-segwenti domandi għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Fil-kuntest tal-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE, il-kelma 'stabbiliment' għandha l-istess tifsira bħal dik fil-kuntest tal Artikolu 1(1)(a)(i) ta' din id-direttiva?

2) Jekk le, jista' 'stabbiliment', għall-iskopijiet tal-Artikolu 1(1)(a)(ii), ikun ikkostitwit minn subunità organizzativa ta' impriża li tikkonsisti, jew tinkludi, iktar minn unità ta' impjieġ lokali waħda?

3) Fl-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva, il-frażi 'mill-inqas 20' tirreferi għan- numru ta' tkeċċijiet mill-istabbilimenti kollha tal-persuna li timpjega, jew tirreferi minflok għan-numru ta' tkeċċijiet għal kull stabbiliment? Fi kliem ieħor, ir-riferiment għal '20' huwa riferiment għal 20 fi kwalunkwe stabbiliment partikolari, jew għal 20 b'kollox?"

Fuq id-domandi preliminari

24 Permezz ta' dawn id-domandi, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, minn naħa, jekk il-kunċett ta' "stabbiliment" li jidher fl-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva 98/59 għandux jiġi interpretat bl-istess mod bħall-kunċett ta' "stabbiliment" fl-Artikolu 1(1)(a)(i) tal-istess direttiva u, min-naħa l-oħra, jekk l-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva 98/59 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi obbligu ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-ħaddiema f'każ ta' tkeċċija, matul perijodu ta' 90 ġurnata, ta' mill-inqas 20 ħaddiem ta' stabbiliment partikolari ta' impriża, u mhux meta n-numru totali tat-tkeċċijiet fl-istabbilimenti kollha jew f'ċerti stabbilimenti ta' impriża matul l-istess perijodu jilħaq jew jaqbeż il-limitu ta' 20 ħaddiem.

25 Kif jirriżulta kemm mid-deċiżjoni tar-rinviju kif ukoll mill-osservazzjonijiet ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja, matul it-traspożizzjoni tad-Direttiva 98/59, ir-Renju Unit għażel il-limitu ta' applikazzjoni tagħha li jidher fl-Artikolu 1(1)(a)(ii) ta' din id-direttiva. Bis-saħħa tad-dritt nazzjonali applikabbli, meta persuna li timpjega tikkunsidra li tneħħi mill-inqas 20 impjegat fi stabbiliment, matul perijodu ta' 90 ġurnata, hija għandha l-obbligu li tosserva proċedura ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-ħaddiema fuq dan is-suġġett.

26 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat f'dan ir-rigward li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' "stabbiliment", li ma huwiex iddefinit fid-Direttiva 98/59, jikkostitwixxi kunċett tad-dritt tal-Unjoni u ma jistax jiġi ddefinit b'riferiment għal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Rockfon, C-449/93, EU:C:1995:420, punt 25). Huwa għandu għalhekk jingħata interpretazzjoni awtonoma u uniformi fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Athinaïki Chartopoïïa, C-270/05, EU:C:2007:101, punt 23).

27 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà interpretat il-kunċett ta' "stabbiliment" jew ta' "stabbilimenti" li jidher fl-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59.

28 Fil-punt 31 tas-sentenza Rockfon (C-449/93, EU:C:1995:420), il-Qorti tal-Ġustizzja, billi tirreferi għall-punt 15 tas-sentenza Botzen *et* (186/83, EU:C:1985:58), osservat li r-relazzjoni ta' impjieg hija essenzjalment ikkaratterizzata mir-rabta li jkun hemm bejn il-ħaddiem u l-parti tal-impriża fejn ikun assenjat sabiex iwettaq xogħlu. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 32 tas-sentenza Rockfon (C-449/93, EU:C:1995:420), li għandu jiġi interpretat il-kunċett ta' "stabbiliment", li jidher fl-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59, bħala li jindika, skont iċ-ċirkustanzi, l-unità li fiha l-ħaddiema kkonċernati mit-tkeċċija huma allokati sabiex jeżerċitaw il-funzjoni tagħhom. Il-fatt li l-unità inkwistjoni għandha istruzzjoni li tista' twettaq b'mod indipendenti t-tkeċċijiet kollettivi ma huwiex essenzjali għad-definizzjoni tal-kunċett ta' "stabbiliment".

29 Mill-punt 5 tas-sentenza Rockfon (C-449/93, EU:C:1995:420), jirriżulta li r-Renju tad-Danimarka, minn fejn oriġinat il-qorti li ressqet it-talba għal deċiżjoni preliminari fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza, kien għażel is-soluzzjoni prevista fl-Artikolu 1(1)(a)(i) tal-imsemmija direttiva.

30 Fis-sentenza Athinaïki Chartopoïïa (C-270/05, EU:C:2007:101), il-Qorti tal-Ġustizzja pproduċiet preċiżjonijiet supplimentari għall-kunċett ta' "stabbiliment", b'mod partikolari billi ddeċidiet, fil-punt 27 ta' din is-sentenza li, għall-iskopijiet tal-applikazzjoni tad-Direttiva 98/59, tista' wkoll b'mod partikolari tikkostitwixxi "stabbiliment", fil-kuntest ta' impriża, entità distinta, li tippreżenta ċerta permanenza u stabbiltà, li lilha tiġi assenjata l-eżekuzzjoni ta' waħda jew diversi funzjonijiet iddeterminati u li tiddisponi minn grupp ta' ħaddiema, mezzi tekniċi u ċerta struttura ta' organizzazzjoni li tippermetti t-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet.

31 Permezz tal-użu tal-kliem "entità distinta" u "fil-kuntest ta' impriża", il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-kunċetti ta' "impriża" u ta' "stabbiliment" huma differenti u li l-istabbiliment jikkostitwixxi normalment parti minn impriża. Madankollu, dan ma jeskludix li, fil-każ fejn l-impriża ma jkollhiex diversi unitajiet distinti, l-istabbiliment u l-impriża jistgħu jikkoinċidu.

32 Fil-punt 28 tas-sentenza Athinaïki Chartopoïïa (C-270/05, EU:C:2007:101), il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li d-Direttiva 98/59 li tindika l-effetti soċjoekonomiċi li t-tkeċċijiet kollettivi jistgħu jikkawżaw f'kuntest lokali u f'ambjent soċjali partikolari, l-entità inkwistjoni ma għandhiex neċessarjament ikollha xi tip ta' awtonomija legali u lanqas awtonomija ekonomika, finanzjarja, amministrattiva jew teknoloġika sabiex tkun tista' tiġi kklassifikata bħala "stabbiliment".

33 Konsegwentement, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, meta "impriża" tinkludi diversi entitajiet li jissodisfaw il-kriterji speċifikati fil-punti 28, 30 u 32 ta' din is-sentenza, hija l-entità li fiha huma allokati l-ħaddiema kkonċernati mit-tkeċċija li jeżerċitaw il-kompitu tagħhom li tikkostitwixxi l-"istabbiliment", fis-sens tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59.

34 Din il-ġurisprudenza tapplika għal din il-kawża.

35 Għandu jiġi kkonstatat li t-tifsira tal-kliem "stabbiliment" jew "stabbilimenti" li jidhru fl-Artikolu 1(1)(a)(i) tad-Direttiva 98/59 hija l-istess bħal dik tal-kliem "stabbiliment" jew "stabbilimenti" li jidhru fl-Artikolu 1(1)(a)(ii) ta' din id-direttiva.

36 F'dan ir-rigward, il-fatt, irrilevat matul is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-kelma "stabbiliment" tintuża fil-plural b'mod partikolari fil-verżjonijiet bil-lingwa Ingliża, Spanjola, Franċiża u Taljana ta' din id-dispożizzjoni ma għandu ebda rilevanza. Fil-fatt, f'dawn il-verżjonijiet lingwistiċi, il-kelma "stabbilimenti" tidher fil-plural kemm taħt is-subparagrafu (a)(i), kif ukoll taħt is-subparagrafu (a)(ii), tal-imsemmija dispożizzjoni. Barra minn hekk, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 53 tal-Konklużjonijiet tiegħu, diversi verżjonijiet lingwistiċi oħrajn tal-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva 98/59 jużaw din il-kelma fis-singular, liema fatt jeskludi l-interpretazzjoni fis-sens li l-limitu previst f'din l-aħħar dispożizzjoni jipprevedi l-"istabbilimenti" kollha ta' "impriża".

37 L-għażla li tidher fl-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva 98/59 bl-eċċezzjoni tad-differenza tal-perijodi li matulhom isiru t-tkeċċijiet, tidher bħala alternattiva sostanzjalment ekwivalenti għall-għażla li tidher fis-subparagrafu (a)(i) ta' din l-istess dispożizzjoni.

38 Ebda element fil-kliem tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59 ma jissuġġerixxi li għandha tingħata tifsira differenti lill-kliem "stabbiliment" jew "stabbilimenti" li jidhru fl-istess paragrafu ta' din id-dispożizzjoni.

39 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-kawża li tat lok għas-sentenza Athinaïki Chartopoïa (C-270/05, EU:C:2007:101), il-Qorti tal-Ġustizzja ma analizzatx jekk ir-Repubblika Ellenika kinitx għażlet is-soluzzjoni prevista taħt is-subparagrafu (a)(i) jew is-subparagrafu (a)(ii) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 98/59. Id-dispożittiv ta' din is-sentenza jindika l-Artikolu 1(1)(a) mingħajr ma jagħmel distinzjoni bejn l-għażliet li jidhru taħt is-subparagrafu (a)(i) jew (a)(ii) ta' din id-dispożizzjoni.

40 Il-fatt li l-leġiżlatur joffri għażla lill-Istati Membri bejn l-għażliet li jidhru, rispettivament, fl-Artikolu 1(1)(a)(i) u fl-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva 98/59 jindika li l-kunċett ta' "stabbiliment" ma jistax ikollu portata kompletament differenti skont jekk l-Istat Membru kkonċernat jagħżilx alternattiva waħda jew l-oħra proposta lilu.

41 Barra minn hekk, differenza ta' tali kobor tmur kontra l-bżonn tal-promozzjoni tal-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-tkeċċijiet kollettivi, bżonn li huwa enfasizzat mill-premessa 7 tad-Direttiva 98/59.

42 Fir-rigward tal-kwistjoni mqajma mill-qorti tar-rinviju dwar jekk l-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva 98/59 jeħtieġx li jittieħdu inkunsiderazzjoni t-tkeċċijiet li twettqu f'kull stabbiliment, ikkunsidrat separatament, l-interpretazzjoni fis-sens li din id-dispożizzjoni teħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni n-numru totali tat-tkeċċijiet li twettqu fl-istabbilimenti kollha ta' impriża żżid, ċertament, b'mod sinjifikattiv in-numru ta' ħaddiema li jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni tad-Direttiva 98/59, u dan jirrifletti wieħed mill-għanijiet tagħha.

43 Madankollu, għandu jitfakkar li din id-direttiva għandha bħala għan mhux biss li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-ħaddiema f'każ ta' tkeċċijiet kollettivi, iżda wkoll, minn naħa, li tiżgura protezzjoni paragunabbli tad-drittijiet tal-ħaddiema fid-diversi Stati Membri u, min-naħa l-oħra, li twettaq approssimazzjoni tal-piżijiet li r-regoli li jorganizzaw din il-protezzjoni jikkawżaw għall-impriżi tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-383/92, EU:C:1994:234, punt 16; Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-55/02, EU:C:2004:605, punt 48; u Confédération générale du travail *et*, C-385/05, EU:C:2007:37, punt 43).

44 Madankollu, interpretazzjoni tal-kunċett ta' "stabbiliment", bħal dik invokata fil-punt 42 ta' din is-sentenza, minn naħa, tmur kontra l-għan intiż li jiżgura protezzjoni paragunabbli tad-drittijiet tal-ħaddiema fl-Istati Membri kollha, u, min-naħa l-oħra, iwassal għal piżijiet differenti ħafna għall-impriżi li għandhom jissodisfaw l-obbligi ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni fuq il-bażi tal-Artikoli 2 sa 4 ta' din id-direttiva skont l-għażla tal-Istat Membru kkonċernat, liema fatt imur ukoll kontra l-għan segwit mil-leġiżlatur tal-Unjoni li huwa dak li jrendi t-toqol ta' dawn il-piżijiet paragunabbli fl-Istati Membri kollha.

45 Wieħed għandu jżid li din l-interpretazzjoni ddaħħal fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/59 mhux biss grupp ta' ħaddiema kkonċernati minn tkeċċija kollettiva, iżda, jekk ikun il-każ, ukoll ħaddiem wieħed biss ta' stabbiliment — possibbilment ta' stabbiliment li jinsab f'żona separata u 'il bogħod minn stabbilimenti oħra tal-istess impriża — liema fatt imur kontra l-kunċett ta' "tkeċċija kollettiva", fis-sens tas-soltu ta' din l-espressjoni. Barra minn hekk, it-tkeċċija ta' dan il-ħaddiem wieħed biss tattiva l-proċeduri ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni previsti mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/59, dispożizzjonijiet li ma humiex adattati għal każ individwali bħal dan.

46 Madankollu, għandu jitfakkar li d-Direttiva 98/59 tistabbilixxi protezzjoni minima dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema f'każ ta' tkeċċijiet kollettivi, (ara s-sentenza Confédération générale du travail *et*, C-385/05, EU:C:2007:37, punt 44). F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva ta l-fakultà lill-Istati Membri li japplikaw jew jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma iktar favorevoli għall-ħaddiema jew li jippromwovu jew li jippermettu l-applikazzjoni ta' ftehimiet kollettivi iktar favorevoli għall-ħaddiema.

47 Fil-kuntest ta' din il-fakultà, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/59 jippermetti b'mod partikolari lill-Istati Membri li jagħtu l-protezzjoni prevista minn din id-direttiva mhux biss lill-ħaddiema ta' stabbiliment, fis-sens tal-Artikolu 1(1)(a) tal-imsemmija direttiva, li ġew jew li ser ikunu mkeċċija, iżda wkoll lill-ħaddiema kollha kkonċernati minn tkeċċija ta' impriża jew minn parti ta' impriża tal-istess persuna li timpjega, il-kelma "impriża" mifhuma bħala li tkopri l-unitajiet distinti kollha ta' impjieg ta' din l-impriża jew ta' din il-parti ta' impriża.

48 Għalkemm l-Istati Membri għandhom, b'hekk, id-dritt li jipprovdu regoli iktar favorevoli għall-ħaddiema fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/59, dawn huma, madankollu, marbutin bl-interpretazzjoni awtonoma u uniformi tal-kunċett tad-dritt tal-Unjoni ta' "stabbiliment" li jidher fl-Artikolu 1(1)(a)(i) u (ii) ta' din id-direttiva, kif tirriżulta mill-punt 33 ta' din is-sentenza.

49 Minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, jirriżulta li d-definizzjoni li tidher fl-Artikolu 1(1)(a)(i) u (a)(ii) tad-Direttiva 98/59 teħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni t-tkeċċijiet li twettqu f'kull stabbiliment meqjus separatament.

50 L-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tat tal-kunċett ta' "stabbiliment", imfakkra fil-punti 28, 30 u 32 ta' din is-sentenza, hija kkorroborata mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2002, li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 219), li l-Artikolu 2(a) u (b) tagħha jistabbilixxi wkoll distinzjoni netta bejn il-kunċett ta' "impriża" u dak ta' "stabbiliment".

51 F'dan il-każ, abbażi tal-informazzjoni li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja, irrilevata fil-punt 16 ta' din is-sentenza, jidher li kull wieħed mill-ħwienet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkostitwixxi unità distinta li hija normalment permanenti, responsabbli għat-twettiq ta' kompiti stabbiliti, jiġifieri, prinċipalment, il-bejgħ tal-merkanzija, u li għandha, għal dan il-għan, diversi ħaddiema, mezzi tekniċi u struttura ta' organizzazzjoni sa fejn il-ħanut huwa ċentru ta' spejjeż individwali amministrat minn direttur.

52 Għaldaqstant, tali ħanut jista' jissodisfa l-kriterji tal-ġurisprudenza, iċċitata fil-punti 28, 30 u 32 ta' din is-sentenza, relatata mal-kunċett ta' "stabbiliment" li jidher fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 98/59, liema fatt huwa, madankollu, obbligu tal-qorti tar-rinviju li tivverifika fid-dawl taċ-ċirkustanzi konkreti tal-kawża prinċipali.

53 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li, minn naħa, il-kunċett ta' "stabbiliment" li jidher fl-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva 98/59 għandu jiġi interpretat bl-istess mod bħall-kunċett li jidher fl-Artikolu 1(1)(a)(i) tal-istess direttiva u, min-naħa l-oħra, li l-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva 98/59 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi obbligu ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-ħaddiema f'każ ta' tkeċċija, matul perijodu ta' 90 ġurnata, ta' mill-inqas 20 ħaddiem ta' stabbiliment partikolari ta' impriża, u mhux meta n-numru totali tat-tkeċċijiet fl-istabbilimenti kollha jew f'ċerti stabbilimenti ta' impriża matul l-istess perijodu jilħaq jew jaqbeż il-limitu ta' 20 ħaddiem.

Fuq l-ispejjeż

54 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Il-kunċett ta' "stabbiliment", li jidher fl-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE, tal-20 ta' Lulju 1998, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi, għandu jiġi interpretat bl-istess mod bħall-kunċett li jidher fl-Artikolu 1(1)(a)(i) tal-istess direttiva.

L-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva 98/59 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi obbligu ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-ħaddiema f'każ ta' tkeċċija, matul perijodu ta' 90 ġurnata, ta' mill-inqas 20 ħaddiem ta' stabbiliment partikolari ta' impriża, u mhux meta n-numru totali tat-tkeċċijiet fl-istabbilimenti kollha jew f'ċerti stabbilimenti ta' impriża matul l-istess perijodu jilħaq jew jaqbeż il-limitu ta' 20 ħaddiem.

Firem